XGĦAJRA

Minuti tal- laqgħa Nru.41 (Wieħed u Erbgħin) tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill il-Ħamis, 31 ta' Jannar, 2013 fl-4.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| | |
| Is-Sindku | Anthony R.Valvo |
| Viċi Sindku | Azzopardi Joseph |
| Kunsilliera | Buhagiar Mario |
| | Buttigieg Antonia |
| | Decelis M Claire |
| | |
| **L-Uffiċċjali:** | |
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-aġenda –Kullħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-aġenda – Qari tal-minuti ta' qabel – Il-minuti ġew moqrija w approvati. .

3. Item Nru 3 fuq l-aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP –Monitoring Committee
Il-Minuti tal-laqgħa tal-Monitoring Committee tqassmu lill-Kunsilliera appena rċevejnihom. Is-Sindku qal li l-*landscaping* tal-impjant għadu pendenti.

3.2 Dwar xogħol li sar fit-toroq, hemm parti minn Triq San Gakbu li trid tiġi asfaltata wkoll apparti l-bankina.

3.3 L-Accountant, is-Sur Adrian Chircop ġie u kompla x-xogħol fuq l-accounts sabiex ilesti r-rapporti sal-21 ta' Frar.

3.4 Is-Sindku qal li l-bandli l-ġodda tal-proġett qiegħdin fi store għand il-kuntrattur u issa lesti biex jibdew jitwaħħlu u mbagħad wara jitwaħħal ir-rubber flooring imma hemm xi problema għax dan għadu ma wasalx Malta. Is-Sindku spjega li waqt li qiegħdin nagħmlu aranġamenti sabiex dawn il-bandli jiġu nawgurati fit-3 ta' Marzu, issa jibqa' x-xogħol tal-kuntrattur sabiex jiġu nstallati.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

3.5 Proġett tal-Belvedere – Is-Sindku qal li ftiehem mal-kuntrattur ta’ SmartCity sabiex jagħtina *crushed stones* jew torba b’xejn għall-proġett sabiex nimlew il-ħawtijiet u l-madwar tal-proġett. Is-Sindku qal li issa ser nifthemu ma’ xi ħadd bil-crane sabiex jiġi bil-bajla u nwittuh fejn hemm bżonn.

,

Is-Sindku qal li l-entratura ta’ fuq li tinfed dirett għal belveder/greek theatre ser tibqa’ magħluqa u niftħu t’isfel biss, li hija dirett għal ġewwa l-playground fejn it-taraġ.Qabel xejn inkunu rridu nagħlqu l-aċċess miż-żewġ naħat ta’ l-entratura mbagħad isir bieb bil-fence. Fl-istess ħin ser jinbena railing matul iċ-ċint tal-playground bħala safety.

Is-Sindku ppropona li l-isem tal-proġett kollu għandu jkun *“Ġnien it-Torri tax-Xgħajra”* u l-parti fejn ser tinfetaħ tissemma’ *“Il-Bandli”.* Kulħadd qabel ma’ din il-proposta.

Rigward ir-retaining wall, is-Sindku qal li bħal ma jaf kulħadd parti mit-triq u l-bankina fejn kien qed isir dan il-ħajt sfronda. Issa jmiss ir-rampa biex tiġi bħala aċċess għall-ground tal-basketball. Il-kuntrattur sab li jrid ibaxxi aktar il-livell biex jibda r-rampa minħabba li qiegħdin aktar għoljin mill-entratura tas-sala. Is-Sindku fakkar lill-kulħadd li dan ix-xogħol qiegħed isir b’xejn minn Transport Malta grazzi għal relazzjonijiet tajbin li l-Kunsill dejjem kellu mal-Ministeru kkonċernat. Dan ix-xogħol ser jinkludi wkoll il-bankini ta’ madwar il-kumpless u l-bankina tan-naħa l-oħra ta’ Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Il-Kunsilliera kollha rringrazzjaw lil dawk kollha li kienu u qiegħdin jagħtu l-għajnuna tagħhom f’dan il-proġett.

3.6 Rimi bil-barge – Is-Sindku qal li għadhom jarmu bl-istess rata u nhar il-Ħadd kien hemm 12-il barge. Is-Sindku kompla jgħid li dawn il-barges qiegħdin jersqu u jitfgħu l-materjal aktar viċin il-kosta tax-Xgħajra. Huwa qal li issa ilu jipprotesta mal-MEPA għal dawn l-aħħar 18 il-xhar u dawn dejjem jgħidulna li d-dumping qiegħed isir skond id-direzzjoni tal-uffiċċju tal-monitoring mill-Freeport jew it-Turretta Valletta u skond il-GPS li suppost hemm fuq kull barge. Is-sindku bi ħsiebu jiġbor il-publ ikazzjonijiet kollha tal-MEPA fejn hemm kundizzjonijiet speċifiċi ta’ fejn, kif u xi kwalita’ t’“inert waste” jista’ jintrema’ u fejn hemm ukoll dak kollu li l-Mepa suppost għandha tagħmel bħala safeguard f’dan is-sit.

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

3.7 Arriva – Is-sindku qal li mingħajr ebda konsultazzjoni ħarġet l-ordni li l-istarting point flok mix-xatt issir minn fejn il-Fort Park fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja fejn ir-roundabout. Il-karozza meta tkun kmieni toqgħod tistenna hemm fejn ir-roundabout u b'hekk tkun qabżet in-nies li jkunu fuq l-istages ta' max-xatt, ta' Triq l-Ispnott u fejn il-Knisja. B'hekk is-Sindku qal li ridna nsibu post alternattiv sabiex insolvu din il-problema għall-ġid ta' kulħadd. B'hekk b'suġġeriment ma' TM u l-Arriva ġie identifikat il-post fejn id-"Disma" u meta l-karozza tkun kmieni tistenna hemmhekk dawk il-ftit minuti mbagħad kif isir il-ħin tibda d-dawra tax-Xgħajra u tibqa' sejra bir-rotta tagħha. B'hekk kulħadd madwar ix-Xgħajra jkun jista' joħroġ fuq l-istages fil-ħin u ta' l-Arriva jduru x-Xgħajra f'dak il-ħin avżat tad-dħul ġewwa x-Xgħajra.

Is-Sinj. Antonia Buttiġieġ semmiet ir-rotta 120 għal Mater Dei u staqsiet x'sar mill-proposta li din tidħol fl-area ta' St. Peters. Is-Sindku qal li huwa mwiegħed minn TM u l-Arriva li din ser tibda' tidħol fix-xhur li ġejjin.

4. Item Nru 4 fuq l-Aġenda : Korrispondenza

4.1 Kuntratt mal-Green Pak dwar ir-riċiklaġġ – Is-Sindku qal li wara li ddiskutejna mal-Green Pak il-kun tratt il-ġdid, huma qalulna li dwar it-tul taż-żmien tal-kuntratt, jiġifieri tlett snin, hemm klawżola li meta rridu nistgħu noħorġu minnu. Huma wiegħdu li ser jagħmlu kampanja t'edukazzjoni lir-residenti tax-Xgħajra u ser iġibulna aktar boroż tar-riċiklaġġ. B'hekk il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jiġi mġedded.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Approvazzjoni tal-Performance Bonus għall-Ħaddiema tal-Kunsill

5.1 Is-Segretarju ppreżenta l-performance appraisal ta' l-iskrivana u qal li huma jipproponu l-full performance bonus ta' 6%. Il-Kunsill qabel unanimament ma' dan.

5.2 Is-Sindku ressaq ukoll il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv u qal li huwa jipproponi l-full performance bonus ta' 10%. Il-Kunsill qabel unanimanent.

Wara s-Sindku rringrazzja lil ħaddiema kollha tax-xogħol li jagħmlu.

.6. Item Nru 6 fuq l-aġenda: L-infieq għax-xahar ta’ Jannar, 2013 ġie approvat

7. Item Nru 7 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

7.1 Is-Sinj Antonia Buttiġieġ semmiet li fil-Fort Park hemm fence mad-ditch li qiegħed maqtugħ u mportanti li nirranġawh sabiex nevitaw x’inċident.

8. Item Nru 8 fuq l-Aġenda - Aġġornament

8.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għal-Erbgħa, 20 ta’ Frar, 2013 fis-6.00pm

| | |
|---|---|
| ______________________________ | ______________________________ |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

XGĦAJRA

Kunsill Lokali tax-Xgħajra
Delle Grazie Batterija
Triq Dwardu Ellul
ix-Xgħajra XJR1361 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt